



**KUNSILL  
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 21 ta' Diċembru 2010  
(OR. en)**

**18202/10**

**ACP 340  
COAFR 463  
PESC 1681  
RELEX 1143**

**NOTA TA' TIFSIR**

---

minn: Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,  
iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur

data meta waslet: 20 ta' Diċembru 2010

lil: Is-Sur Pierre de BOISSIEU, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni  
Ewropea

---

Suġġett: Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill dwar il-ftuħ tal-  
konsultazzjonijiet mar-Repubblika tal-Ginea Bissaw skont l-Artikolu 96  
tal-Ftehim rivedut ta' Cotonou

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż dokument tal-Kummissjoni COM(2010) 766 finali.

Mehmuż: COM(2010) 766 finali



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 20.12.2010  
KUMM(2010) 766 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL**

**dwar il-ftuħ tal-konsultazzjonijiet mar-Repubblika tal-Ginea Bissaw skont l-Artikolu 96  
tal-Ftehim rivedut ta' Cotonou**

## KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

### dwar il-ftuħ tal-konsultazzjonijiet mar-Repubblika tal-Ginea Bissaw skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim rivedut ta' Cotonou

#### 1. Sfond

Minn mindu kisbet l-indipendenza tagħha fl-1975, il-Ginea Bissaw żammet relazzjonijiet mill-qrib mal-Unjoni Ewropea li tatha iktar minn EUR 500 miljun bħala finanzjament ta' kooperazzjoni. Madankollu, baqgħet pajjiż fraġli minħabba tensjonijiet etniċi, id-daqs sproporzjonat tal-armata tagħha – mhux professjonali u politiċizzata ħafna – u faqar endemiku. Ma' dan jżded, minn xi snin 'l hawn, l-impatt li jikkorrompi fuq il-partijiet differenti tas-soċjetà (l-armata, il-partiti politiċi, il-gvern...) tal-flus li ġejjin mit-traffikar tad-droga, li huwa fattur destabilizzanti wkoll għall-istati ġirien, b'kunsiderazzjoni tal-fruntieri permeabli f'kuntast ta' moviment liberu u s-sitwazzjoni mimlija tensjoni tas-sigurtà f'Casamance u f'Ginea Conakry.

Fl-ewwel semestru tal-2009, is-sitwazzjoni politika u tas-sigurtà fil-pajjiż kienet reġgħet ġiet affettwata minn tiġdid ta' tensjoni, li f'Marzu wassal għall-qtil tal-Kap Kmandant tal-Forzi Armati u tal-President tar-Repubblika, Joao Vieira. Fil-bidu tax-xahar ta' Ġunju tal-istess sena, inqatlu l-Ministru tal-Amministrazzjoni territorjali u eks Ministru tad-Difiża u ġew arrestati personalitajiet oħra. Dawn il-personalitajiet kollha kienu qrib ħafna tal-President Vieira u skont l-awtoritajiet kienu ġew implikati f'attentat ta' kolp ta' stat.

Minkejja dawn l-avvenimenti traġiċi kollha, l-elezzjoni presidenzjali antiċipata organizzata għan-nomina tas-suċċessur tal-President Vieira saret b'mod paċifiku. Fit-tieni rawnd, li ġie organizzat fis-26 ta' Lulju, rebaħ Malam Bacai Sanha (PAIGC) bi 63,31 % tal-voti. Fit-8 ta' Settembru 2009, hu beda l-mandat tiegħu ta' ħames snin bħala President, b'Carlos Gomes bħala l-Prim Ministru. Fid-diskors tiegħu tal-inawgurazzjoni, il-President il-ġdid enfażizza li fost il-prijoritajiet tiegħu hemm ir-rikonċiljazzjoni nazzjonali, il-ġlieda kontra l-impunità u r-riforma tas-settur tas-sigurtà.

Barra minn hekk, f'tit jiem wara, il-kap tal-Marina nazzjonali, l-Ammirall José Zamora Induta, riformatur magħruf, ġie kkonfermat bħala l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati. Fl-aħħar ta' Ottubru, il-President wettaq bidla radikali tal-gvern, li kkonċernat il-maġġoranza tal-portafolli u ġabet uċuh ġodda. F'tit wara, ġie nnominat Prosekutur Ġenerali ġdid li għandu r-rwol li jtejjeb il-prestazzjoni tad-Dipartiment tal-Prosekuzzjonijiet Pubbliċi, f'dak li jirrigwarda l-prevenzjoni tal-kriminalità u l-ġlieda kontrieha kif ukoll il-progress tal-investigazzjonijiet uffiċjali maħsuba biex jinstabu r-responsabbli għall-każijiet ta' qtil politiku li seħħew f'Marzu u f'Ġunju 2009.

Il-gvern il-ġdid jidher li huwa iktar determinat mill-predeċessur tiegħu li jitratta l-problemi tal-pajjiż. Madankollu, il-kontroll tal-militari fuq il-ħajja politika tal-pajjiż jibqa' fattur importanti ta' tħassib u fraġilità.

L-UE ippruvat tirreaġixxi għal din is-sitwazzjoni billi żżid dejjem iktar l-appoġġ tagħha lill-Ginea Bissaw fir-rigward tal-kwistjoni tar-riforma tas-settur tas-sigurtà (RSS), li hija fundamentali għall-istabbilizzazzjoni mill-ġdid tal-kontroll ċivili fuq il-militari. Apparti l-interventi tagħha permezz tal-FEŻ, l-UE tat is-sostenn tagħha lill-awtoritajiet fl-

implimentazzjoni tar-RSS permezz ta' missjoni ta' appoġġ immedija f'Mejju 2008 fil-qafas tal-Politika Komuni tas-Sigurtà u tad-Difiża (PKSD) u maħsuba biex tappoġġja lill-awtoritajiet fl-istrateġija nazzjonali tar-RSS, speċjalment l-armata, il-pulizija u d-dipartiment tal-prosekutur.

Minkejja l-progress miksub, fl-1 ta' April 2010 ġew ikkonfermati l-biżżeġġ, meta, fuq l-ordnijiet tad-Deputat Kap Kmandant tal-Forzi Armati, il-ġeneral Antonio Injai, grupp ta' militari xewwiexa arrestita lill-Kap Kmandant Zamora (li għadu miżmum sal-lum) kif ukoll lill-Prim Ministru, li ġie mhedded bil-mewt qabel ma ġie liberat wara li nżamm f'detenzjoni għal diversi sigħat.

Wara din ir-rewwixta, il-ġeneral Injai impona lilu nnifsu bħala Kap Kmandant *de facto* qabel ma ġie nnominat b'mod uffċjali fil-25 ta' Ġunju 2010 b'digriet mill-President, fuq proposta tal-gvern, minkejja t-twissijiet tal-komunità internazzjonali.

## **2. Reazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**

Permezz ta' komunikazzjoni tar-Rappreżentanta Għolja fit-2 ta' April, l-UE kkundannat ir-rewwixta tal-1 ta' April, li kkwalfikatha bħala "ksur tal-ordni kostituzzjonali fis-seħħ" u talbet lill-awtoritajiet tal-Ginea Bissaw biex jaħdmu ħalli jergġhu jistabbilixxu n-normalità demokratika. Inħarġu komunikazzjonijiet simili mill-Unjoni Afrikana u mill-ECOWAS.

Fit-13 ta' April, il-Kumitat Politiku u tas-Sigurtà (KPS) tal-Kunsill wasal għall-konklużjoni li hemm bżonn ta' perjodu ta' riflessjoni fir-rigward tal-impenn futur tal-Unjoni Ewropea fil-Ginea Bissaw kif ukoll li huwa importanti li l-awtoritajiet ċivili jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom l-appoġġ kollu meħtieġ biex jirreaġixxu bil-qawwa għas-sitwazzjoni.

Fl-14 ta' April, il-Grupp tal-Kunsill dwar l-Afrika (COAFR) talab lill-Kapijiet ta' missjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Bissaw biex iressqu applikazzjoni mal-awtoritajiet tal-Ginea Bissaw u jsaħħu d-djalogu politiku fuq il-bażi tal-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Cotonou, fir-rigward ta' dawn il-punti li ġejjin: i) il-ħelsien minnufih tal-Kap Kmandant kif ukoll tal-persuni l-oħra li ilhom miżmuma mill-1 ta' April 2010; ii) l-implikazzjoni legali tar-responsabbiltà u t-teħid ta' sanzjonijiet dixiplinarji kontra l-persuni implikati fl-inċidenti tal-1 ta' April; iii) l-ubbidjenza neċessarja lill-awtoritajiet demokratiċi leġittimi u r-rispett dovut lilhom. Din l-applikazzjoni tressqet fid-19 ta' April 2010.

Fis-26 ta' April, il-Grupp tal-Kunsill dwar l-Afrika eżamina r-rapport tal-Kapijiet ta' missjoni tal-UE fil-Bissaw u qabel li jfakkar: i) l-importanza kruċjali tar-riforma tas-Settur tas-Sigurtà (RSS) għad-demokrazija u l-istabbiltà tal-pajjiż; ii) li l-impenn futur tal-UE fil-Ginea Bissaw se jiddependi fuq l-iżviluppi politiċi li se jsiru f'dan il-pajjiż.

Fit-30 ta' April, il-KPS talab lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u stieden lill-Kummissjoni biex: i) jipproponu minnufih sensiela ta' miżuri għal żmien qasir biex jinfluwenzaw b'mod pożittiv is-sitwazzjoni fil-post; ii) jiżviluppaw għall-aħħar tax-xahar ta' Ġunju reviżjoni strateġika tal-impenn tal-UE fil-Ginea Bissaw skont l-istrumenti kollha li qegħdin għad-dispożizzjoni tal-UE, id-deċiżjoni finali dwar l-impenn tal-UE, speċjalment il-PKSD, li trid tittieħed f'Lulju 2010, fuq il-bażi tar-reviżjoni strateġika u l-iżviluppi li jridu jsiru fil-Ginea Bissaw.

Fis-7 ta' Mejju, il-Kunsill reġa' kkonferma li l-impenn tal-PKSD fil-qasam tar-riforma tas-settur tas-sigurtà fil-Ginea Bissaw wara t-30 ta' Settembru se jibqa' b'dawn il-kundizzjonijiet: i) ir-ritorn għall-ordni kostituzzjonali, ii) il-ħelsien tal-eks Kap Kmandant, Zamora Induta; iii)

il-prosekuzzjoni tal-persuni implikati fl-avvenimenti tal-1 ta' April; iv) l-adozzjoni tal-pakkett leġiżlattiv dwar ir-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà.

Matul ix-xahar ta' Mejju, fuq il-bażi tal-miżuri għal żmien qasir proposti mis-SĠK u mill-Kummissjoni, seħħet missjoni konġunta (il-Kummissjoni, il-Kunsill, il-Prezidenza tal-COAFR) fil-Ginea Bissaw. Il-missjoni kkonkludiet li l-awtoritajiet tal-Ginea Bissaw, għalkemm kienu jaqblu mal-analiżi tal-UE dwar ir-rewwixta, ma kinux kapaċi jissodisfaw it-talba tagħha għar-ritorn għall-ordni kostituzzjonali.

Huwa għalhekk li fil-komunikazzjoni tal-5 ta' Lulju 2010, ir-Rappreżentanta Għolja ddikjarat li hi tinsab imħassba dwar in-nomina tal-Ġeneral Antonio Injai bħala Kap Kmandant, minħabba l-fatt li dan kien ir-responsabbli prinċipali tar-rewwixta tal-1 ta' April. Ir-Rappreżentanta Għolja fakkret ukoll it-tħassib kbir tagħha fir-rigward tad-detenzjoni illegali ta' Zamora Induta u talbet lill-awtoritajiet tal-Ginea Bissaw biex itemmu din id-detenzjoni. Fil-komunikazzjoni tagħha, ir-Rappreżentanta Għolja kkunsidrat li s-sitwazzjoni fil-Bissaw tista' tikkonstitwixxi ksur tal-impenji tal-Ginea Bissaw fir-rigward tad-Drittijiet tal-Bniedem, id-demokrazija u l-Istat tad-Dritt, elementi essenzjali tal-Ftehim ta' Cotonou, u talbet li ssir reviżjoni tal-implikazzjoni globali tal-Unjoni Ewropea fil-Ginea Bissaw. Inħarġu komunikazzjonijiet ta' kundanna simili mill-Unjoni Afrikana, mis-CEDEAO u mill-Istati Uniti.

Fis-7 ta' Lulju, il-Grupp tal-Kunsill dwar l-Afrika eżamina rapport ġdid tal-kapijiet ta' missjoni tal-UE fil-Bissaw. Il-COAFR i) laqa' b'mod favorevoli r-rakkomandazzjonijiet tal-kapijiet ta' missjoni; ii) ikkundanna n-nomina tal-Ġeneral Injai bħala Kap Kmandant u kkunsidra li din in-nomina tista' tikkostitwixxi ksur tal-prinċipji tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt u tal-elementi essenzjali tal-Ftehim ta' Cotonou; iii) stieden lill-Kapijiet ta' Missjoni biex jipponu lista ta' persuni individwali responsabbli għan-nuqqas ta' stabbiltà kronika u/jew implikati f'attivitajiet illeċiti, li jistgħu jkunu soġġetti għal sanzjonijiet immirati tal-UE; iv) laqa' b'mod favorevoli r-reazzjoni unanima tal-komunità internazzjonali u kkonferma l-importanza li nikkordinaw mill-qrib ir-reazzjoni tagħna mal-bqija tal-komunità internazzjonali, speċjalment l-UA, l-ECOWAS u n-Nazzjonijiet Uniti.

Fid-9 ta' Lulju, il-KPS iddeċieda: i) li jtemm il-missjoni attwali tal-PKSD dwar ir-RSS; ii) li jstieden lis-Segretarjat tal-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jagħmlu proposti għat-tisħiħ tal-preżenza tal-UE fil-Ginea Bissaw flimkien ma' esperti fil-qasam tar-RSS.

Fl-aħħar nett, permezz tal-ittra datata s-27 ta' Lulju, ir-Rappreżentanta Għolja infurmat lill-Prim Ministru dwar it-tmiem definitiv tal-missjoni attwali tal-PKSD fit-30 ta' Settembru 2010, tal-impossibbiltà li tintbagħat missjoni ġdida minħabba l-atmosfera politika attwali u l-ħtieġa li ssir reviżjoni tal-impenn kollu tal-UE fil-Ginea Bissaw fuq bażi ta' djalogo politiku msaħħaħ bejn iż-żewġ partijiet.

### **3. Il-Proposta tal-Kummissjoni**

Il-Kummissjoni tikkunsidra li r-rewwixta tal-1 ta' April 2010 u n-nomina ta' wieħed mill-instigaturi prinċipali bħala Kap Kmandant tal-armata biddlu b'mod sostanzjali l-atmosfera politika u ta' sigurtà fil-Ginea Bissaw u jikkostitwixxu fihom infushom ksur tal-impennji tal-Ginea Bissaw fir-rigward tad-drittijiet tal-Bniedem u tal-Istat tad-Dritt, li huma elementi essenzjali tal-Ftehim ta' Cotonou.

L-Artikolu 96 (2) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE ffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 u rivedut f'Ouagadougou fit-22 ta' Ġunju 2010 jirreferi għall-elementi essenzjali li fuqhom hi bbażata s-Sħubija, li huma definiti fl-Artikolu 9. Il-prinċipji demokratiċi, tal-Istat tad-dritt u

tad-drittijiet tal-bniedem jispiraw il-politiki interni u internazzjonali tal-partijiet u jikkostitwixxu elementi essenzjali tal-Ftehim. Fir-rigward ta' dawn il-prinċipji u tal-kundizzjonijiet li fihom saret rewwixta militari fil-Ginea Bissaw fl-1 ta' April 2010, il-Kummissjoni tinnota li seħħ ksur partikolarment serju u evidenti ta' dawn l-elementi essenzjali u tikkunsidra din il-qagħda bħala waħda partikolarment urġenti skont it-tifsira tal-Artikolu 96(2)(b) ta' dan il-Ftehim. Hija għalhekk tqis li hemm il-ħtieġa li jinfetħu konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet li bħalissa għandhom il-poter fil-Ginea Bissaw biex jeżaminaw soluzzjonijiet possibbli għal din il-kriżi biex terġa' tiġi stabbilita l-ordni kostituzzjonali. Dawn il-konsultazzjonijiet se jsiru f'konformità mal-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Cotonou rivedut u għandhom l-għan essenzjali li ssir diskussjoni mal-awtoritajiet ikkonċernati dwar lista ta' impenji, b'mod speċjali:

- it-tmiem tad-detenzjoni illegali tal-Viċi Ammirall Zamora Induta u detenuti oħra arrestati waqt l-avvenimenti tal-1 ta' April 2010;
- il-ftuħ u l-konklużjoni ta' investigazzjonijiet indipendenti għal kollox dwar l-avvenimenti li seħħew bejn l-1 ta' Marzu 2009 u l-1 ta' April 2010;
- in-nomina bħala kap tal-forzi armati tal-Ginea Bissaw tal-persunal integru mhux implikat fl-atti ta' vjolenza u f'imgħiba antikostituzzjonali.
- l-aċċettazzjoni mill-awtoritajiet ta' kull missjoni ta' esperti u appoġġ ċivili u militari li jistgħu jkunu proposti mill-ECOWAS/CPLP u/jew minn kwalunkwe sieħeb ieħor biex jappoġġjaw u jissorveljaw ir-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà u jiżguraw il-protezzjoni tal-persunal politiku;
- l-approvazzjoni, il-promulgazzjoni u l-pubblikazzjoni tal-pakkett leġiżlattiv dwar ir-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà;
- l-approvazzjoni mill-gvern ta' programm operattiv għat-twettiq tar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà;
- kull impenn ieħor li jista' jtejjeb il-governanza demokratika tal-pajjiż u r-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà.

Djalogu bħal dan għandu jippermetti lill-awtoritajiet tal-Ginea Bissaw jieħdu miżuri sabiex itemmu l-kriżi attwali u jippermetti lill-Unjoni Ewropea tiddeċiedi, abbażi ta' dan id-djalogu, safejn tista' tappoġġja inizjattivi li jwasslu għal konformità mal-prinċipji tal-Ftehim ta' Cotonou.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Kummissjoni tipproponi lill-Kunsill biex jistieden ir-Repubblika tal-Ginea Bissaw għal konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim rivedut ta' Cotonou b'konformità mal-abbozz ta' ittra mehmuż hawnhekk.

Sakemm joħroġ ir-riżultat ta' dawn il-konsultazzjonijiet, il-Kummissjoni se tieħu miżuri ta' konservazzjoni dwar l-azzjonijiet ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp fil-Ginea Bissaw, bl-eċċezzjoni tal-pagamenti tal-kuntratti li diġà twettqu, azzjonijiet umanitarji jew li jibbenefikaw direttament minnhom il-popolazzjonijiet, proġetti tat-tip reġjonali jew li jiġġieldu kontra l-kriminalità transnazzjonali, kif ukoll attivitajiet preparatorji għall-implimentazzjoni tal-proġetti futuri sakemm ikunu rispettati l-kundizzjonijiet speċifiċi tal-istrumenti differenti u l-konvenzjonijiet ta' finanzjament.

Skont prattika diġà kkonsolidata, u b'kunsiderazzjoni tal-kuntest partikolari tal-Ginea Bissaw, l-Unjoni Afrikana, l-ECOWAS u s-CPLP se jkunu mistiedna jassistu għal dawn il-konsultazzjonijiet.

## ANNEX

### **Abbozz ta' ittra**

Eċċellenza,

Onorevoli Prim Ministru,

Wara r-rewwixta tal-1 ta' April 2010, l-Unjoni Ewropea (UE) esprimiet diversi drabi t-tħassib tagħha dwar in-nuqqas ta' rispett minn ċerti militari ta' livell għoli lejn il-legalità demokratika u dwar ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-Ginea Bissaw. Hi talbet lill-awtoritajiet tagħkom biex jaħdmu ħalli jerġgħu jistabbilixxu n-normalità kostituzzjonali. Minkejja l-inizjattiva meħuda mill-UE mal-awtoritajiet ta' pajjiżkom fid-19 ta' April 2010 u l-missjoni konġunta (il-Kummissjoni, il-Kunsill, Spanja) ta' Mejju 2010, sfortunatament diversi elementi jidhru li qed jindikaw li pajjiżkom mhuwiex qed jimxi f'din id-direzzjoni, u dan kollu f'kuntest ta' żieda fit-traffikar tad-droga li jirrappreżenta sors ta' tħassib kbir għall-UE.

Fil-komunikazzjoni tagħha tal-5 ta' Lulju 2010, ir-Rappreżentanta Għolja għall-Politika Barranija u s-Sigurtà Komuni u Viċi President tal-Kummissjoni, irreaġixxiet b'mod qawwi għan-nomina tal-ġeneral Injai bħala Kap Kmandant billi fakkret it-tħassib kbir tagħha fir-rigward tad-detenzjoni illegali tal-Viċi Ammirall Zamora Induta u billi talbet lill-awtoritajiet tagħkom biex itemmu din id-detenzjoni.

Fl-ittra tagħha tas-27 ta' Lulju 2010, ir-Rappreżentanta Għolja/Viċi President infurmatkom bit-tmiem tal-missjoni attwali tal-UE ta' appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fit-30 ta' Settembru 2010, bl-impossibbiltà li tintbagħat missjoni ġdida minħabba l-atmosfera attwali f'pajjiżkom u bin-neċessità li jiġi rivedut l-impenn kollu tal-UE fil-Ginea Bissaw fuq bażi ta' djalogo politiku msaħħaħ.

Barra minn hekk, f'applikazzjoni tal-Artikolu 96(2)(b) tal-Ftehim rivedut ta' Cotonou, u fid-dawl tal-ksur serju u evidenti tal-elementi essenzjali msemmija fl-Artikolu 9 ta' dan l-istess Ftehim, aħna għandna l-unur, f'isem l-UE u l-Istati Membri tagħha, li nistiednu lil pajjiżkom għal konsultazzjonijiet bil-għan li, kif jipprovdi l-Ftehim, neżaminaw flimkien is-sitwazzjoni u fejn ikun hemm il-ħtieġa, nirrimedjaw. Dawn il-konsultazzjonijiet huma maħsuba essenzjalment biex issir diskussjoni mal-awtoritajiet ikkonċernati dwar lista ta' impenji fir-rigward tar-rispett tad-drittijiet tal-Bniedem u l-Istat tad-dritt, bħal pereżempju:

- it-tmiem tad-detenzjoni illegali tal-Viċi Ammirall Zamora Induta u ta' detenuti oħra arrestati waqt l-avvenimenti tal-1 ta' April 2010;
- il-ftuħ u l-konklużjoni ta' investigazzjonijiet indipendenti għal kollox dwar l-avvenimenti li seħħew bejn l-1 ta' Marzu 2009 u l-1 ta' April 2010;
- in-nomina bħala kap tal-forzi armati tal-Ginea Bissaw ta' persunal integru mhux implikat f'imġiba antikostituzzjonali u fatti ta' vjolenza.
- l-aċċettazzjoni mill-awtoritajiet ta' kwalunkwe missjoni ta' esperti ċivili u militari li jistgħu jkunu proposti mill-ECOWAS/CPLP u/jew kwalunkwe sieħeb ieħor biex jissorveljaw u jappoġġjaw ir-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà u jiżguraw il-protezzjoni tal-persunal politiku;

- l-approvazzjoni, il-promulgazzjoni u l-pubblikazzjoni tal-pakkett leġiżlattiv dwar ir-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà;
- l-approvazzjoni mill-gvern ta' programm operattiv għat-twettiq tar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà;
- kwalunkwe impenn ieħor li jista' jtejjeb il-gvern demokratiku tal-pajjiż u r-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà.

Id-diskussjonijiet għandhom jippermettu lill-parti tal-Ginea Bissaw tistabbilixxi l-miżuri xierqa biex tirrimedja s-sitwazzjoni attwali. Aħna nissuġġerixxu li dawn il-konsultazzjonijiet iseħħu fi żmien 30 jum mill-wasla ta' din l-ittra, fil-bini tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fi Brussell. Peress li dawn il-konsultazzjonijiet iridu jindirizzaw diversi kwistjonijiet ta' governanza, inkluż dwar il-pjan leġiżlattiv u ġudizzjarju, il-preżenza tal-membri l-iktar għoljin tal-gvern tal-pajjiż hija mixtieqa. L-Unjoni Afrikana, l-ECOWAS u s-CPLP se jkunu mistiedna jassistu għad-diskussjonijiet.

Sakemm joħroġ ir-riżultat ta' dawn il-konsultazzjonijiet, il-Kummissjoni se tieħu miżuri ta' konservazzjoni dwar l-azzjonijiet ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp fil-Ginea Bissaw, bl-eċċezzjoni tal-pagamenti tal-kuntratti li diġà twettqu, azzjonijiet umanitarji jew li minnhom jibbenefikaw direttament il-popolazzjonijiet, proġetti tat-tip reġjonali jew li jiġġieldu kontra l-kriminalità transnazzjonali, kif ukoll attivitajiet preparatorji għall-implimentazzjoni tal-proġetti futuri sakemm ikunu rispettati l-kundizzjonijiet speċifiċi tal-istrumenti differenti u l-konvenzjonijiet ta' finanzjament.

Għodduna dejjem tagħkom,

**Għall-Kummissjoni**

**(Andris Piebalgs)**

**Kopji:**

Ambaxxatur tar-Repubblika tal-Ginea Bissaw  
 President tal-Kunsill tal-Ministri tal-AKP-UE  
 President tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi tal-AKP  
 Segretarju Ġenerali tal-Grupp tal-Istati tal-AKP

**Għall-Kunsill**

**(Catherine Ashton)**